**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2022**

**<u>Rikors nru : 253/2017 AGV :</u>**

**MG**

*vs.*

**AG**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' MG datat 17 ta' Novembru 2017;**

**Tesponi bir-rispett u bil ġurament tagħha tikkonferma:-**

**A. <u>DIKJARAZZJONI TAL-FATTI</u>**

Illi, il-partijiet iżżewwġu nhar l-20.04.1986 fil-Knisja Parrokjali ta' Fatima, f'Guardamangia u minn dan iż-żwieġ twieldu erbat itfal, li huma W, M N, T u J, illum kollha maġġorenni;

Illi, il-ħajja kojugali ma' AG kienet mill-ewwel diffiċli u dan minħabba il-karattru estremament diffiċli tiegħu li imliet il-ħajja matrimonjali b'theddid, minaċċi u sevizzi li kkawżaw pressjonijiet u stress fuq l-attriċi u t-tfal tagħha inutilment u dan kif ser jintwera' ampjament waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-supremess u minkejja il-miġja ta' erbat itfal fiż-żwieġ, il-ħajja u l-orjentazzjoni sesswali ta' AG għandha lat oskur. Donnu barra mill-iskop ta' tfal A ma kienx ifittex lill-martu M sesswalment u dan għal raġuni li ser tiġi spjegata aktar il-quddiem fuq dan ir-rikors;

Illi, saħansitra kemm il-darba kien jgħix id-dar, madwar tmienja jew disgħa snin ilu, beda jikri post ġewwa l-fond 'Ambashador', Flat.2, Triq Nuzzo, Ħamrun u mar jgħix hemmhekk għal tliet snin;

Illi, reċentement, l-attriċi u t-tfal tagħha skoprew li AG kien qiegħed jgħix ħajja doppja – magħhom ta' missier u raġel eterosesswali iżda ma' oħrajn bħala persuna ta' orjentazzjoni omosesswali aggressiva u feroċi, u dan kif ser jintwera ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Illi, huwa evidenti li AG ipprova jissopprimi u jaħbi l-omossesswalita` tiegħu minn kulħadd għal żmien twil, snin sħaħ u dan bil-konsegwenza li dan x'aktarx affettwat it-temperament tiegħu u spiċċa rrenda ħajjet il-familja tiegħu miegħu vera infern;

Illi, barra mill-fatt li kien u għadu jirrendi il-ħajja miżżewwġa miżerabbli, u jippersisti fir-relazzjonijiet omosesswali tiegħu waqt li huwa miżżewweġ b'erbat itfal, din l-imġieba tiegħu baqgħet tippersisti tul anke dawn il-proċeduri;

Illi, xort' oħra dan jikkostitwixxi tradiment tal-ogħla grad għax mhux biss itrradixxa il-fiduċja ta' martu l-attriċi, kif ukoll dik tat-tfal tiegħu billi kellu relazzjonijiet extra-konjugali, iżda ttradihom ukoll stante li ħeba minn martu, u sussegwentement anke mill-wild tiegħu, l-orjentazzjoni sesswali tiegħu;

Illi, inoltre barra mill-fatt tal-preferenzi sesswali, il-karattru u l-imġieba dispreġevoli tiegħu irrendiet il-ħajja miżżewwġa intollerabbli;

Illi, saru diversi rapporti mal-Pulizija tal-Għassa ta' Birkirkara b'riżultat li hemm numru ta' proċeduri kriminali pendenti kontra l-konvenut;

**B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

Illi, l-attriċi bdiet taħdem erbgħatax-il sena ilu u ċjoe` mis-sena 2003, u għalhekk, mill-bidu taż-żwieġ sal-2003, il-ħila li l-attriċi tagħmel il-qliħ ġiet imnaqqsa drastikament minħabba l-fatt li kien hemm il-bżonn li tieħu ħsieb id-dar u l-familja tagħha;

Illi, l-attriċi u t-tfal tagħha soffrew minn vjolenza domestika u morali tul il-ħajja matrimonjali tagħhom minħabba l-imġieba u l-karattru intollerabbli ta' AG li irrenda l-ħajja tal-attriċi u tat-tfal tagħha mill-aktar diffiċli u insapportabbli, speċifikament minħabba d-diskors dispreġjattiv u ta' odju li kien u għadu jintqal minn AG fil-konfront tal-attriċi u tat-tfal tagħha mal-iċken kwestjoni jew nuqqas ta' qbil bejn l-imsemmijin, u kif se jiġi m'uri ampjament waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi, kif intqal hawn fuq fid-dikjarazzjoni tal-fatti, AG mhux talli għadda lill-attriċi u lit-tfal tagħha minn ħajja mimlija ġlied, theddid, minaċċi u sevizzi li kkawżaw tenzjonijiet insapportabbli fuq l-attriċi u t-tfal tagħha, iżda wkoll ittradixxha l-fiduċja tal-imsemmijin billi għex ħajja doppja u ċjoe` għex ħajja ta' raġel omosesswali taħt il-kappa taż-żwieġ u ħeba u **għadu jaħbi** l-orjentazzjoni sesswali tiegħu mill-attriċi u t-tfal tagħha għal madwar erbgħa u għoxrin sena;

**Ċ. TALBIET ATTRIĊI**

Illi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u l-provi kollha produċċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ ta' din il-kawża, jgħid il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunċja is-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet stante li ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irremidjabilment u dan unikament kaġun it-tort tar-raġel AG; u konsegwenti għall-Ewwel Talba

2. Tiddikjara li r-raġel AG ħati ta' sevizzi, theddid, minaċċi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu MG u kontempornajament ta' tradiment ma' persuni ta' sess maskili wara tibdil tal-orjentazzjoni sesswali tiegħu; u konsegwenti għat-Tieni Talba;

3. Tordna dritt ta' abitazzjoni esklussiva fid-dar matrimonjali; u

4. Tillikwida manteniment ġust u xieraq fil-kofront ta' MG fejn jittieħed in konsiderazzjoni iż-żmien twil ta' xogħol fid-dar, sija għat-trobbija tat-tfal kif ukoll bħala mara tad-dar, ta' MG liema xogħol naqqsitilha il-kapaċita` tagħha li taħdem u li tikkontribwixxi għal pensjoni tagħha, liema manteniment; u konsegwenti għar-Raba Talba

5. Tordna il-ħlas tal-manteniment hekk likwidat skond it-tielet Talba;

6. Ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana billi:

    (a) Tinqasam il-komunjoni tal-proprjetà` bejn il-partijiet fi kwoti mhux indaqs bejniethom u dan a tenur l-Art. 48 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-ħtija unika tas-separazzjoni hija attribwibbli lir-raġel AG ; u

(b) Tawtorizza il-bejgħ tad-dar matrimonjali bi prezz raġjonevoli fuq is-suq, liema prezz għandu jiġi evalwat minn periti nominandi, u fin-nuqqas li wieħed mill-partijiet jersaq għal bejgh tad-dar, il-Qorti tordna il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u trasferiment u taħtar kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-assenti; u

(c) Tassenja il-vetturi lill-partijiet skond fuq min minnhom huma registrati il-vetturi u tordna lill-partijiet jeżegwixxu dawk il-formalitjaiet kollha meħtieġa sabiex kull parti tkun tista tuża u tużufruwixxi mill-vettura assenjat lilha; u

(d) Tordna li ir-rigali kollha mogħtija waqt iż-żwieġ jibqgħu tal-parti li irċiviethom; u

7. Tawtorizza lil-MG  li tirriverti għal kunjom xbubitha;

8. Tagħti kull ordni jew dispozizzjoni oħra skond il-każ għall-aħjar amministrazzjoni tas-separazzjoni personali tal-kontendenti.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' AG**

**Jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:**

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi anke kieku huma minnhom l-allegazzjonijiet intavolati in confront tal-intimat li huwa jichad, dawn mhumiex ragunijiet ghal separazzjoni imma ghall-annullament ta' zwieg.

(2) Illi huwa qatt ma kien vjolenti, adulteru, kkawza sevizzi jew mohqrija u/jew sawwat u/jew b'xi mod iehor irrenda lilu hati ta' sevizzi in konfront ta' martu u/jew ta' uliedu.

(3) Illi huwa ssubixxa swat minghand ibnu J kif jirrizulta mir-rapporti tal-Mosta Health Centre u tal-Floriana Health Centre skond dokumenti AG 1 u AG2.

(4) Illi huwa m'ghandu l-ebda lat oskur f'hajtu u dejjem hadem fl-interess ta' familtu li kienet familja pjuttost kbira ta' erbat itfal u kien jahdem lejl u nhar full time job u zewg part times.

(5) Illi uliedu huma llum maggorenni u kollha jahdmu u ghalhekk huma mantenuti u l-izghar wiehed ghandu 24 sena.

(6) Illi martu tahdem u ghandha full time job f'Mater Dei bhala clerk u ghalhekk mhemmx obbligu ta' manteniment da parti tieghu.

(7) Illi huwa m'ghandu ebda oggezzjoni ghas-separazzjoni 'ad mensa et thoro' basta illi l-proprjeta' li huma ghandhom mobbiljari u immobbiljari tinqasam f'zewg porzjonijiet fejn jigi prelevat il-proprjeta' parafernali tieghu sia dik moghtija lilu qabel iz-zwieg tieghu mill-genituri tieghu u zijuh CB ammontanti ghal cirka €13,000 oltre pagamenti ohra maghmula minnu qabel iz-zwieg li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(8) Illi barra minn hekk huwa wiret lil missieru JG u zijietu C u S B ammontanti ghal cirka €158,000 li jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(9) Illi minn dawn il-flus parafernali, huwa xtara curkett tad-djamanti b'zafir li ghandu jigi rritornat lilu ghax dan inxtara minn flus li huwa wiret jew inkellha tirritorna l-valur ta' €3,000.

(10) Illi martu ma gabet xejn maghha fiz-zwieg u l-ebda flus parafernali fiz-zwieg u lanqas wirtet xejn.

(11) Illi wara li tinbiegh id-dar matrimonjali u wara li jsiru l-prelevamenti tal-assi parafernali tieghu, r-rikavat jista' jinqasam bejn tnejn kif ukoll l-oggetti kollha tad-dar salv dawk li wiret minghand iz-zijiet tieghu C u SB skond dokument AG3 hawn anness u ghalhekk kull parti tigi assenjata sehemha mir-rikavat u mill-proprjeta'mobbiljari ohra.

(12) Illi huma kienu wasslu ghal separazzjoni bonarja pero' sfortunatament meta l-mara bdiet titlob affarijiet li mhumiex taghha, ma setghux jaslu ghal transazzjoni u dan stante li ppretendiet 75% mir-rikavat tad-dar.

(13) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat is-sentenza in parte tat-28 ta' Gunju, 2018, li permezz taghha sar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attrici ressqet talba ghal separazzjoni personali permezz tar-rikors guramentat li bih bdew dawn il-proceduri. Il-partijiet kienu zzewgu fl-20 ta' April 1986, u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum ilkoll maggorenni. L-attrici tallega li l-konvenut kien insopportabbli fl-agir tieghu lejha u lejn it-tfal, u kien kontinwament juza kliem dispreggattiv fil-konfront taghhom kollha. Aktar minn hekk, l-attrici tghid li l-konvenut heba ghal bosta snin l-orjentazzjoni sesswali tieghu, u tallega li l-konvenut huwa 'gay'. Il-konvenut jirribatti dawn l-allegazzjonijiet u jghid li anzi kienet l-attrici li tinsulta u tipprovokah, u li aljenat lit-tfal kontrih tant li spicca telaq mid-dar matrimonjali.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li l-konvenut kien joqghod jinsulentaha, jheddidha, u jaqla' hafna tensjoni d-dar ghal xejn b'xejn kwazi ta' kull gimgha, anke quddiem it-tfal. Dawn l-episodji ta' ghajjat u tensjoni u tghajjir baqghu jeskalaw. Ghall-habta tal-1997, il-konvenut beda johrog wahdu nhar ta' Sibt filghaxija, u ma jghidx fejn mar u ma' min iltaqa'. L-attrici taghti bosta ezempji ta' tghajjir u kliem iehor, u ta' incidenti li sehhew bejniethom, u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrepeti l-istess. Wara kull incident, l-affarjiet kienu jikkalmaw u l-konvenut kien jimminimizza l-incident billi jghid li kien qed jiccajta. Kien ukoll jixtri xi affarjiet lill-attrici u lit-tfal meta kien isiefer, biex jipprova jirritorna l-klima fil-familja ghan-normal. L-argumenti u l-kliem insolenti ma waqfuz, u meta t-tfal kibru u ippruvaw iwaqqfuh, l-attrici tghid li hu kien jinfexx fihom ukoll. Kienu jinqalghu incidenti anke fuq infiq ta' flus. L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx itiha bizzejjed flus ghall-hajja ghal sitta min-nies, izda hu kien isiefer bejn darbtejn jew tlitt darbiet fis-sena. L-attrici ghamlet

madwar sittax-il sena ma tahdimx, bejn l-1987 u l-2003, biex tiehu hsieb il-familja u d-dar. Darba inqala' argument kbir fuq il-flus, ghall-habta tal-2008 jew 2009, u l-konvenut telaq mid-dar u mar jghix f'appartament gewwa l-Hamrun, li kien ha b'kera, u dam hemm xi tlitt snin.

Fil-bidu tal-2017, il-partijiet bdew jixtru l-ikel separatament: l-attrici tixtri l-ikell u l-affarjiet ghaliha u ghat-tfal bi flusha, u l-konvenut jixtri ghalih bi flusu. Jekk xi had kien jiehu mill-ikel tieghu, kienet tqum xenata shiha, b'ghajjat u tghajjir mill-konvenut lill-attrici u lit-tfal. Din l-atmosfera ta' tensjoni kontinwa saret insopportabbli. Fl-ahhar ta' Lulju, 2017, l-attrici ghamlet rapport lill-Pulizija ghax il-konvenut bezaq f'wiccha waqt argument, u dawn baqghu jinqalghu argumenti ohra.

L-attrici tghid ukoll li l-konvenut ghandu orjentazzjoni omosesswali, u li heba dan il-fatt mill-familja kollha ghal hafna snin u li ghex hajja doppja. L-attrici bdiet tissuspetta dan wara t-twelid tar-raba' wild. Ghall-habta tal-2003 l-attrici tghid li l-konvenut kellu hbiberija ma' ragel Irlandiz jismu Donald, u kien jistiednu d-dar taghhom. Fl-istess zmien, tghid li t-tifel iz-zghir kien sab magazine pornografiku ta' rgiel gay fil-basket tal-konvenut. Kienet ukoll irceviet telefonata anonima li l-konvenut kien qed jiffrekwenta 'gay bars' nhar ta' Sibt bil-lejl. L-attrici ikkonfrontatu b'dan kollu izda cahad u qal li qed tivvinta. It-tfal kienu sabu 'chat logs' fuq il-computer tieghu li kienu diskursati ma' rgiel ohra. Saret taf ukoll li ghall-habta tal-2013, beda jkellem ragel Taljan jismu SR  meta dan kien jigi Malta ghal btala kien ihallih juza l-appartament tal-Hamrun mikri mill-istess konvenut. Kienu jitkellmu fuq skype b'mod regolari, u dan S kien anke gie mistieden ghat-tieg tat-tifla tal-partijiet u ghal xi barbeques li kienu jsiru fis-Sajf.

Fl-2016, dan Stefano qal lit-tfal li kemm hu kif ukoll missierhom kienu gay, u li missierhom kien ilu jiffrekwenta clubs u persuni omosesswali ghal aktar minn ghoxrin sena, u li Stefano u missierhom kellhom relazzjoni intima flimkien, izda missierhom xorta kien imur ma' rgiel ohra. Ghalhekk dan Stefano qalilhom kollox u anke tahom xi ritratti biex juri dan kollu. Il-konvenut kien gie konfrontat b'din l-informazzjoni, izda cahad dan kollu u qabad jidhaq, jghaddi lil kulhadd biz-zmien, jipprova jdawwar id-diskors, jew jaqbad jghajjat. Annessi mal-affidavit, l-attrici esebiet ritratti u dokumenti ohra in sostenn tax-xiehda taghha.

L-attrici ressqet diversi xhieda, apparti l-affidavit taghha stess u tal-erbat itfal tal-partijiet. Xehdu wholl zewg hutha, CB u JM li, a skans ta' ripetizzjoni, jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti kif qalithom l-attrici.

Il-konvenut, min-naha tieghu, esebixxa affidavit fejn jghid li ftit qabel ma zzewgu l-attrici kienet ghajritu 'ahdar' u wara li dam jumejn ma jkellimha, hi talbitu skuza u reghhu flimkien. Jghid li l-indhil mill-familja taghha beda mal-ewwel, fejn qal li l-genituri taghha qalu li ma kienx hemm bzonn tieg daqshekk kbir. Kummenti ohra li ntqalu lilu anke qabel it-tieg baqghu jidwu f'widnejh qishom ghadhom kemm intqalu lilu biss gurnata qabel. Dawn il-kliem wegghuh ghax hu bniedem qalbu tajba u hanina ma' kulhadd. Fil-honeymoon ried jixtri kumpliment lil omm l-attrici, bhal xi basket sabih, bhal ma xtraw lill-genituri l-ohra, izda l-attrici riedet tixtrilha cikkulata tal-Cadbury, kif fil-fatt ghamlet. Fis-sena li zzewgu, il-konvenut kien ha gimghatejn leave fis-sajf halli jqattghuh flimkien, izda spicca ha gimgha biss ghax ma kienux qed jaqblu bejniethom, lanqas fejn imorru jghumu. Jghid li ommha u missierha kienu jindahlulhom biex l-attrici ma tahdimx f'impieg izda tiehu hsieb il-familja. Fit-tqala taghha, l-attrici bdiet tiffissa fl-indafa d-dar, u ma thallihx bi kwietu.

Jghid ukoll li meta kienet tirrabja, kienet taqbad oggett u ssabtu, bhal meta fl-1986 qabdet siggu u girfet bieb bih. F'erba' snin zwieg kellhom tlitt itfal. Ir-raba' wild gie xi erba' snin wara. Il-konvenut kien jahdem anke part-time biex ilahhaq mal-ispejjez, u ried li t-tfal imorru skola tal-knisja, izda l-genituri taghha riedu li t-tfal imorru skola tal-gvern. Skond hu kienu jindahlu fejn ma jesahomx u flimkien ma' hutha kien kagun ta' influwenza hazina fuq martu.

Ghall-affidavit tal-attrici, il-konvenut jghid li hu mimli gideb. Kienet tkun hi li tghajru u mhux il-kontra, u ta' dan esebixxa kitba allegatament taghha bi kliem dispreggattiv fil-konfront tieghu. Jichad li qatt refa' idejh fuqha. Jghid ukoll li meta kien telaq mid-dar, kellu dipressjoni izda xorta baqa' jmur ghax-xoghol u jipprovdi ghall-familja. Meta gie lura mill-isptar wara li kien rikoverat, kienet hi li qalet li kien dejjaqha d-dar, u dan fil-presenza ta' binthom u r-ragel taghha. Jghid li fl-2017, l-attrici ma riditx akta flus minn tieghu u bdew jixtru affarjiet ta' kuljum separatament minn xulxin. Kienet tgerger meta kien joqghod jiehu hsieb il-gnien, li kien passatemp favorit tieghu. Fl-ahhar tal-affidavit tieghu jindika x'wiret mill-familja tieghu.

Fuq l-allegazzjoni li hu omosesswali, u fuq ir-ritratti esebiti u l-provi li ressqet l-attrici f'dan ir-rigward, il-konvenut ma jghid assolutament xejn.

**<u>Htija ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Minn dawn il-provi kollha, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. L-attrici irnexxielha tipprova li l-karattru difficli u l-frustrazzjoni tal-konvenut, flimkien mal-harbiet u hbiberiji intimi ma' rgiel ohra, kienu l-kagun li z-zwieg taghhom

spicca. Il-konvenut fl-affidavit tieghu ma jattribwixxi ebda forma ta' htija fuq l-attrici li tista' twassal sa ingurji gravi jew minacci jew sevizzi jew xi raguni ohra msemmija fil-ligi. Bid-dovut rispett, l-incidenti tal-ispallieri jew ta' min ma saqqiex il-qsari, li jirreferi ghalihom il-konvenut fl-affidavit tieghu, huma minimi ghall-ahhar. Pjuttost ir-reazzjonijiet tieghu u l-isfidi lil uliedu huma sintomatici ta' persuna li mhix kuntenta bir-realta' li qed tghix. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga z-zejjed fuq dan il-punt. Huwa evidenti ferm min-nuqqas ta' provi tal-konvenut, li m'ghandux ma xiex jaqbad biex jattribwixxi xi tort lill-attrici, u jevita kompletament li jirreferi jew li jirribatti l-provi migjuba dwar l-orjentazzjoni sesswali tieghu. Ghalhekk il-Qorti qed tattribwixxi l-kawza ghall-falliment ta' dan iz-zwieg unikament lill-konvenut.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-partijiet kienu bieghu d-dar konjugali fl-indirizz "Green Acres", Triq id-Deffun, Attard fit-12 ta' Lulju 2018, u r-rikavat fl-ammont ta' Euro €510,000 mill-istess fond gie diviz ugwalment bejn il-partijiet u ghalhekk kull parti hadet is-somma ta' Euro €255,000. Ghalhekk il-Qorti mghandhiex ghalfejn tillikwida d-dar matrimonjali.

Kwantu ghal oggetti ohra mobbli u immobbli, l-attrici ipproduciet lill-banek lokali, is-Sigurta' Socjali, lil tat-Taxxi Interni, u diversi xhieda ohra. Minn dan irrisulta s-segwenti.

Sat-28 ta' Gunju 2018 (u cioe` sax-xoljiment) fil-kontijiet tal-Mara kien hemm is-segwenti flejjes:

- Dok JB1 – BOV Savings Account – Euro €284
- Dok JB2 – BOV Savings Account – Euro €11,000
- Dok JB3 – BOV Savings Account – Euro €205.61

- Dok JB4 – Current Account – Infetah ftit qabel it-terminazzjoni u jidher li huwa cheque book konness ma' wiehed mill-kontijiet savings taghha

Sat-28 ta' Gunju 2018 (u cioe` sax-xoljiment) fil-kontijiet tar-Ragel kien hemm is-segwenti flejjes:

- Dok JB5 – Term Deposit – Euro €2,329.37
- Dok JB6 – BOV Savings Account – ammont zghir hafna
- Dok JB7 - BOV Savings Account – Euro €2,626.56. Jidhru transfers ma' Stefano Radicchi
- Dok JB8 - BOV Savings Account – Euro €3,515.52 – kont inghalaq f' Jannar 2019
- Dok JB9 – Term Deposit – Euro €1,863.50
- Dok JB10 - BOV Savings Account – Euro €5,072.18
- Dok JB11 – Current Account – Euro €422.88
- Dok JB12 – Term Deposit – Euro €3,500
- Dok JB13 - BOV Savings Account – Euro €145.50. Minn hawn kien ihallas il-kera tal-appartament tal-Hamrun.
- Dok JB14 - BOV Savings Account – Euro €1,339.03
- Dok JB15 - BOV Savings Account – Euro €5,421.53
- Dok JB16 - BOV Savings Account – Euro €1,419.07
- Dok JB17 – Term Deposit – Euro €53,193.76 – kont inghalaq f' Jannar 2016. M'hemmx indikazzjoni fejn marru.
- Dok JB18 – Term Deposit – Euro €54,407.20 – kont inghalaq f' Gunju 2017 u trasferiti ghall-kont JB15, u minn hemm intefqu minnu

- Dok JB19 – Term Deposit – Euro €11,964.79 – inghalaq f' Jannar 2018 u trasferit ghal JB15 u minn hemm intefqu minnu
- Dok JB20 – Term Deposit – Euro €40,000
- Dok JB21 – Term Deposit – Euro €11,875
- Dok JB22 – Term Deposit – Euro €15,000
- Dok JB23 – Term Deposit – infetah wara t-terminazzjoni tal-komunjoni
- Dok JB24 – Visa statement
- Dok JB26 – Portfolio konsistenti b'numru ta' investiment ta' Gzira Investment Centre. Dan jinkludi fih cash accounts positions. (L-attrici hi zbaljata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha meta telenka s-somom imsemmija hawn separatament.)

**Joint Accounts**

- Dok JB25 – Loan Account – kont maghluq

Oltre minn hekk, ix-xhud Johanna Bartolo ghan-nom tal-BOV qalet ukoll li r-ragel ghandu:

- 20,998 shares ta' VFM
- FP529942, FP525703 u FP523594 Life assured hu Anthony Gatt
- Safe deposit locker 15605 ta Msida Branch

Mill-portfolia (Dok JB26) jirrizulta li l-konvenut ghandu:

- Euro €43,608.35 f'investimenti tal-Vilhena u mal-BOV
- Stg £1,867.21 f'investiment tal-Vilhena f' Liri Sterlina
- Euro €67,652.87 f'valur ta' policies mal-MSV

**<u>Total ta' Euro €113,128.43</u>**

Ghalhekk bejn kontijiet bankarji u investiment varji, l-konvenut ghandu s-segwenti:

- Euro €113,128.43 investimenti
- Euro €214,095.89 f'kontijiet bankarji

**<u>Total ta' Euro €327,224.32</u>**

**L-attrici ghandha b'valur ta' <u>Euro €11,489.61</u>**

Inoltre, fil-25 ta' Gunju 2018, AG ircieva s-somma ta' Euro €13,871.52 hlas ex gratia marbut mal-irtirar tieghu. Huwa iddepozitah fil-bank wara s-sentenza tat-terminazzjoni, izda dan l-ammont ghandu jittiehed u jigi meqjus bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk in riassunt, il-komunjoni hi komposta mis-segwenti:

- Euro €13,871.52 ex gratia payment
- Euro €327,224.32 f'kontijiet u investimenti fuq isem ir-ragel
- Euro €11,489.61 f'kontijiet f'isem il-Mara

**<u>Total ta' Euro €352,585.45</u>**

F'dan l-ammont mhux inkluz is-somma li z-zewg partijiet hadu wara l-bejgh tad-dar.

**<u>Wirt tal-konvenut</u>**

Ghalkemm ir-Ragel jallega li wiret hafna flus fl-affidavit tieghu, u jsemmi anke bank accounts li wiret minghand iz-zija tieghu, allegatament b'valur ta' Euro €101,821, ma rrisultax ghall-Qorti illi huwa gab prova tal-istess. Bl-istess mod l-allegat wirt minghand missieru ta' Euro €32,696 ma jirrizultax mid-dokumenti ezebiti minnu mal-affidavit. Anzi Dok B anness

mal-istess affidavit, li huwa 'legal ruling', juri biss li meta gie nieqes missieru, ommu kienet 'the surviving spouse'. Minn imkien ma rrizulta illi huwa b'xi mod kien eredi u/jew li bejn ommu u missieru ma kienx hemm komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk nofs dawk ic-cifri awtomatikament kienu t'ommu.

Madanakollu, mill-kontijiet bankarji, senjatament JB7 prodott minn Johanna Bartolo jirrizulta li r-ragel kellu depositi fil-kont tieghu ta' Euro €2,317.45, Euro €43.10, Euro €19.77, Euro €1,675, Euro €3,000, Euro €16,000. Depositi li jsemmu lil JG u Jos. G il-genituri tieghu u liema saru fil-bidu tas-sena 2016, ftit wara l-'legal ruling' anness mal-affidavit tal-konvenut li allura jixhet dawl fuq il-fatt li jista' jkun li huwa wiret lill-missieru (anke jekk mhux wahdu). Ghalhekk il-Qorti tista' tassumi li dawn l-ammonti huma l-wirt li semma' l-konvenut.

Irid jinghad li fir-risposta guramentata tieghu huwa jaccenna biss ghas-somma ta' Euro €13,000 li allegatament wiret jew inghata minghand zijuh CB u s-somma ta' Euro €158,000 li wiret minghand missieru u zitu. Bl-istess mod, ma gietx prodotta prova tal-istess. Fil-kontroezami tal-attrici, il-konvenut jghid li dawn inghataw qabel iz-zwieg, madanakollu l-banek tharrku mill-istess konvenut biex jipproducu inkartament biss tas-snin ta' waqt iz-zwieg.

Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti, il-wirt f'kontanti (eskluz l-propjeta`) ghandu jigi ikkwantifikat fis-somma ta' Euro €20,355.32, li jirrizultaw mit-transazzjonijiet tal-kontijiet bankarji. Tenut kont li l-konvenut ghamel zmien twil ihallas kirja fix-xahar minn flus tal-komunjoni, kwalsiasi ammont iehor li talvolta jista' jkun dovut lilu f'wirt, jista' jigi pacut ma' tali kirjiet.

**In riassunt: Euro €352,585.45 (total tal-komunjoni) – Euro €20,355.32 (wirt tar-ragel) = Eur 332,231.13 komunjoni.**

Tul il-kawza, l-attrici ghamlitha cara li hi riedet tlitt kwarti tal-komunjoni bhala kumpens ghall-ingurji gravi u sevizzi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici. M'hemmx talba ghad-dekadenza tal-konvenut. Hemm talba wkoll ghall-manteniment tal-attrici. It-tfal huma kollha maggorenni. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija propensa tillikwida favur il-mara ammont ekwivalenti ghal zewg terzi tal-flejjes li huma formanti parti mill-istess komunjoni. Dan ghalhekk igib total ta' Euro €219,272.55 li ghandha tithallas l-attrici, liema ammont jinkludi l-flus li gia' ghandha fil-kontijiet bankarji taghha, u jinkludi wkoll manteniment ghaliha kapitalizzat fl-istess somma. Il-konvenut ghalhekk ghandu jifdallu Euro €112,958.58.

**Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' Euro €207,782.94.**

Kwantu ghal oggetti ohra bhal vetturi u oggetti mobbli, il-partijiet ma pproducewx provi ohra. Ghalhekk, kwantu ghal vetturi, il-Qorti tordna li kull parti illi ghandha vettura fuq isimha ghandha zzomm l-istess vettura.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa’ l-ewwel talba u ghaldaqstant tippronunċja is-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet, stante li ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irremidjabilment u dan unikament kaġun it-tort tar-raġel AG .

Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara lir-raġel AG ħati ta’ sevizzi, theddid, minaċċi u inġurji gravi fil-konfront ta’ martu MG.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, stante l-bejgh fil-mori tal-istess dar matrimonjali.

Tilqa’ r-raba’ talba u konsegwentement tillikwida manteniment fil-kofront ta’ MG fis-somma ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar, pagabbli bil-quddiem.

Tordna il-ħlas tal-manteniment hekk likwidat skond ir-raba’ talba.

Tilqa’ l-hames talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana billi:

Tinqasam il-komunjoni tal-proprjetà` bejn il-partijiet fi kwoti mhux indaqs bejniethom kif indikat fis-sentenza, u cioe’ zewg terzi lill-attrici u terzlill-konvenut, u dan a tenur l-Art. 48 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dana stante li l-ħtija unika tas-separazzjoni hija attribwibbli lill-konvenut.

Tastjeni milli tordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali, ghar-raguni gia’ moghtija.

Tassenja il-vetturi lill-partijiet skond fuq min minnhom huma registrati il-vetturi u tordna lill-partijiet jeżegwixxu dawk il-formalitjaiet kollha meħtieġa sabiex kull parti tkun tista tuża u tużufruwixxi mill-vettura assenjat lilha.

Tordna li ir-rigali kollha mogħtija waqt iż-żwieġ jibqgħu tal-parti li irċiviethom.

Tilqa' s-seba' talba u tawtorizza lil MG li tirriverti għal kunjomha xebba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**